| Il-Polonja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 100 mg/g Premiks do sporządzania paszy leczniczej dla świń, brojlerów i młodych kur rzeźnych | Tylosin phosphate | 100 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, Brojlers u Għewietaq |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Polonja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 20 mg/g granulat doustny dla świń | Tylosin phosphate | 20 mg/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Ħnieżer |
| Il-Polonja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 250 mg/g premiks do sporządzania paszy leczniczej dla świń, brojlerów i młodych kur rzeźnych | Tylosin phosphate | 250 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, Brojlers u Għewietaq |
| Il-Polonja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 250 mg/g granulat doustny dla świń | Tylosin phosphate | 250 mg/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Ħnieżer |
| Il-Polonja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 1 g/g granulat do podania w wodzie do picia dla świń, cieląt, kur i indyków | Tylosin tartarate | 1 g/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Għoġġiela, ħnieżer, tiġieġ, dundjani |
| Il-Polonja | Ceva Salute Animale S.p.A.<br>Viale Colleoni, 15<br>20864 Agrate Brianza (MB)<br>L-Italja | Tilsol 200, 200 g/1000g | Tylosin | 200 g/1000 g | Trab għal soluzzjoni orali | Tiġieġ, ħnieżer |
| Il-Polonja | Eli Lilly Regional Operations GmbH<br>Elanco Animal Health<br>Kölblgasse 8-10<br>1030 Vienna<br>L-Awstrija | Tylan Soluble Powder | Tylosin | 1000 g/kg | Trab għal soluzzjoni orali | Tiġieġ, dundjani, ħnieżer, Annimali tal-ifrat |
| Il-Polonja | Eli Lilly Regional Operations GmbH<br>Elanco Animal Health<br>Kölblgasse 8-10<br>1030 Vienna<br>L-Awstrija | Tylan G 100 Premix | Tylosin | 100 mg/kg | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |

| Stat Membru tal-UE/ŻEE | Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem tal-prodott mediċinali | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimal |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Polonja | P.F.H.U. "Veta" Mariusz Hołownia<br>Kownaty 74<br>18-421 Kownaty<br>Il-Polonja | Tylo-Kel 75 proszek do sporządzania roztworu doustnego dla kur i świń | Tylosin tartarate | 750 mg/g | Trab għal soluzzjoni orali | Tiġieġ, ħnieżer |
| Il-Polonja | Przedsiębiorstwo Farmaceutyczne Okoniewscy "VETOS FARMA" Sp. z o.o.<br>ul. Dzierżoniowska 21<br>58-260 Bielawa<br>Il-Polonja | FARMATYL, tylozyny winian 1000 g/kg proszek do sporządzania roztworu doustnego dla kur, indyków i świń | Tylosin tartarate | 1000 g/kg | Trab għal soluzzjoni orali | Dundjani, tiġieġ, ħnieżer |
| Il-Polonja | Vetoquinol Biowet Sp. z o.o.<br>ul. Kosynierów Gdyńskich 13-14<br>66-400 Gorzów Wielkopolski<br>Il-Polonja | Tylbian, 110 mg/g | Tylosin tartarate | 110 mg/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Tiġieġ dundjani ħnieżer annimali tal-ifrat |
| Il-Portugall | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 100 g/g Grânulos para administração na água de bebida para suínos, galinhas e frangos, perús e vitelos. | Tylosin | 1.1 g of granules contains 1 g of tylosin | Granuli għal soluzzjoni orali | Għoġġiela, ħnieżer, tiġieġ, dundjani |
| Il-Portugall | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 250 mg/g Pré-mistura para alimento medicamentoso para suínos, galinhas e frangos de engorda | Tylosin | 250 mg per g. (equivalent to 250 000 IU) | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers u għewietaq |
| Il-Portugall | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 100 mg/g Pré-mistura medicamentosa para alimento medicamentoso para suínos, frangos de engorda e galinhas | Tylosin | 100 mg per g. (equivalent to 100 000 IU) | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers u għewietaq |
| Il-Portugall | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | PHARMASIN 20 mg/g Grânulos Orais para suínos | Tylosin | 20 mg per g (equivalent to 20 000 IU) | Granuli għal soluzzjoni orali | Ħnieżer |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Portugall | REPRESENTAGRO – REPRESENTAÇOES LDA<br>Estrada da Lapa 1<br>2665-507 Venda do Pinheiro<br>Il-Portugall | ORATIL 100 P, pó para solução oral para suínos, frangos e perus | Tylosin | 1000 mg | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, brojlers, dundjani |
| Il-Portugall | PRODIVET, Comércio de Produtos Químicos, Farmacêuticos e Cosméticos, SA<br>Av. Infante D. Henrique nº 333-H 3º piso Esc. 41<br>1800-282 Lisboa<br>Il-Portugall | PRODITYL, Pó para solução oral para administração na água de bebida para suínos, frangos e perus | Tylosin | 1,1 g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, brojlers, dundjani |
| Il-Portugall | Ceva Saúde Animal Produtos Farmacêuticos e Imunológicos, Lda.<br>Rua Doutor António Loureiro Borges, 9/9A - 9ºA<br>Miraflores, 1495-131 Algés<br>Il-Portugall | TILPLUS 100 PÓ para solução oral para suínos, frangos e perus | Tylosin | 100 g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, brojlers, dundjani |
| Il-Portugall | Lilly Portugal - Produtos Farmaceuticos, Lda.<br>Torre Occidente<br>Rua Galileu Galilei, n.º 2<br>Piso 7 fração A/D,<br>1500-392 Lisboa<br>Il-Portugall | Tylan 100 g/Kg Pré mistura medicamentosa para alimento medicamentoso para suínos e frangos de carne, reprodutoras e poedeiras | Tylosin | 100 g/kg | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers, tiġieġ |
| Il-Portugall | Lilly Portugal - Produtos Farmaceuticos, Lda.<br>Torre Occidente<br>Rua Galileu Galilei, n.º 2<br>Piso 7 fração A/D,<br>1500-392 Lisboa<br>Il-Portugall | Tylan 20 g/Kg Pré mistura medicamentosa para alimento medicamentoso para suínos e frangos de carne, reprodutoras e poedeiras | TYLOSIN | 20 g/kg | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers, tiġieġ |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Portugall | Lilly Portugal - Produtos Farmaceuticos, Lda.<br>Torre Occidente<br>Rua Galileu Galilei, n.º 2<br>Piso 7 fração A/D,<br>1500-392 Lisboa<br>Il-Portugall | Tylan 250 g/Kg Pré mistura medicamentosa para alimento medicamentoso para Suínos e frangos de carne | TYLOSIN | 250 g/kg | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers, tiġieġ |
| Il-Portugall | Lilly Portugal - Produtos Farmaceuticos, Lda.<br>Torre Occidente<br>Rua Galileu Galilei, n.º 2<br>Piso 7 fração A/D,<br>1500-392 Lisboa<br>Il-Portugall | TYLAN PÓ SOLÚVEL | TYLOSIN | 100 g per bottle | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, brojlers, dundjani |
| Il-Portugall | ZOOPAN Produtos Pecuários S.A.<br>Rua da Liberdade, n° 77<br>2050-023 Aveiras de Baixo<br>Il-Portugall | TYLOSIN 750 mg/g Pó oral para administração na água de bebida para suínos e frangos | TYLOSIN | 750 mg/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, brojlers |
| Ir-Rumanija | S.C. PASTEUR -FILIALA FILIPESTI<br>Str. Principala, nr. 944<br>Filipestii de Padure, Jud. Prahova<br>Ir-Rumanija | Tilozina 100 | Tylosin phosphate | 10 g/100 g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Tiġieġ, ħnieżer |
| Ir-Rumanija | S.C. PASTEUR -FILIALA FILIPESTI<br>Str. Principala, nr. 944<br>Filipestii de Padure, Jud. Prahova<br>Ir-Rumanija | Tilozina | Tylosin tartarate | 0,58 g/g | Trab għal soluzzjoni orali | Annimali tal-ifrat, ħnieżer, tjur |
| Ir-Rumanija | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 250 mg/g | Tylosin phosphate | 250 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers u għewietaq |

| Stat Membru tal-UE/ŻEE | Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem tal-prodott mediċinali | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta' annimal |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rumanija | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 100 mg/g | Tylosin phosphate | 100 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers u għewietaq |
| Ir-Rumanija | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 20 mg/g | Tylosin phosphate | 20 mg/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Ħnieżer |
| Ir-Rumanija | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 100% | Tylosin tartarate | 1 g/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Għoġġiela, ħnieżer, tjur |
| Ir-Rumanija | Eli Lilly Regional Operations GmbH<br>Elanco Animal Health<br>Kölblgasse 8-10<br>1030 Vienna<br>L-Awstrija | Tylan G 100g/kg | Tylosin phosphate | 100 g/kg | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |
| Ir-Rumanija | Crida Pharm SRL<br>str. Intrarea Vagonetului nr.2, bl.101, ap.47, parter, sector 6<br>Bucharest<br>Ir-Rumanija | Tylosin 60% | Tylosin tartarate | 60 g/100 g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, brojlers |
| Ir-Rumanija | SC Delos Impex 96 SRLStr Horia, Closca si Crisan, Otopeni judetul Ilfov<br>Ir-Rumanija | Tilodem 50 | Tylosin tartarate | 500 mg/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tjur (brojlers, brojlers ta' tnissil, tiġieġ li jbidu, għewietaq ta' sostituzzjoni) |
| Ir-Rumanija | SC Delos Impex 96 SRLStr Horia, Closca si Crisan, Otopeni judetul Ilfov<br>Ir-Rumanija | Tilosin 10% | Tylosin tartarate | 100 mg/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tjur |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Rumanija | Chemifarma S.p.A.<br>Via Don Eugenio Servadei 16<br>47122 Forlì, Forlì-Cesena<br>L-Italja | Tilosina 20% Chemifarma | Tylosin tartarate | 20 g/100 g | Trab għal soluzzjoni orali | Annimali tal-ifrat, ħnieżer, tjur (brojlers, dundjani) |
| Ir-Rumanija | Anupco LTd.<br>Crockatt Road<br>Lady Lane Industrial Estate, Hadleigh<br>Ipswich, Suffolk, IP7 6RD<br>Ir-Renju Unit | Tylosin 75 | Tylosin tartarate | 825 mg/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tjur (tiġieġ, dundjani) |
| Ir-Rumanija | Kela NV (Kela Laboratoria NV)<br>Sint Lenaartseweg 48<br>2320 Hoogstraten<br>Il-Belġju | Tylosine 75% Kela | Tylosin tartarate | 750 mg/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tjur |
| Is-Slovakkja | Pharmagal spol. s.r.o.<br>Murgašova 5<br>949 01 Nitra<br>Is-Slovakkja | RESETYL prášok na perorálny roztok | Tylosin tartarate | 1000 g/1100 g | Trab għal soluzzjoni orali | Tiġieġ (brojlers, għewietaq, tiġieġ tat-tnissil) dundjani, ħnieżer, għoġġiela |
| Is-Slovakkja | Eli Lilly Regional Operations GmbH<br>Elanco Animal Health<br>Kölblgasse 8-10<br>1030 Vienna<br>L-Awstrija | TYLAN vodorozpustný prášok | Tylosin tartarate | 1000 g/1100 g | Trab għal soluzzjoni orali | Tiġieġ (brojlers, għewietaq, tiġieġ tat-tnissil) dundjani, ħnieżer, għoġġiela |
| Is-Slovakkja | Eli Lilly Regional Operations GmbH<br>Elanco Animal Health<br>Kölblgasse 8-10<br>1030 Vienna<br>L-Awstrija | TYLAN 100 mg/g premix | Tylosin phosphate | 100 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |

| Stat Membru tal-UE/ŻEE | Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq | Isem tal-prodott mediċinali | INN | Qawwa | Għamla farmaċewtika | Speċi ta’ annimal |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-Slovenja | IRIS Mednarodna trgovina d.o.o.,<br>Cesta v Gorice 8<br>1000 Ljubljana<br>Is-Slovenja | TYLAN SOLUBLE prašek za peroralno raztopino za prašiče, kokoši in purane | Tylosin | 100 g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tiġieġ, dundjani |
| Spanja | Elanco Valquímica, S.A.<br>Avda. de la Industria, nº 30<br>Polígono Industrial de Alcobendas<br>28108 Alcobendas (Madrid)<br>Spanja | TRELACON G 250 PREMEZCLA | Tylosin | 250 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, tjur |
| Spanja | Elanco Valquímica, S.A.<br>Avda. de la Industria, nº 30<br>Polígono Industrial de Alcobendas<br>28108 Alcobendas (Madrid)<br>Spanja | TRELACON G 50 PREMEZCLA | Tylosin | 50 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, tjur |
| Spanja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | PHARMASIN 100 MG/G PREMEZCLA MEDICAMENTOSA PARA PORCINO POLLOS DE ENGORDE | Tylosin | 100 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers, għewietaq |
| Spanja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | PHARMASIN 250 MG/G PREMEZCLA MEDICAMENTOSA PARA PORCINO POLLOS DE ENGORDE | Tylosin phosphate | 250 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers, għewietaq |
| Spanja | S.P. VETERINARIA, S.A.<br>CTRA. REUS-VINYOLS, KM.4,1.<br>RIUDOMS (Tarragona)<br>Spanja | HIDROTIL POLVO ORAL | Tylosin tartarate | 100 g/100 g | Trab għal soluzzjoni orali | Brojlers, tiġieġ li jbidu, dundjani għewietaq għat-tnissil, ħnieżer u annimali tal-ifrat (għoġġiela) |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | Elanco Valquímica, S.A.<br>Avda. de la Industria, nº 30<br>Polígono Industrial de Alcobendas<br>28108 Alcobendas (Madrid)<br>Spanja | TRELACON G 20 G/KG PREMEZCLA MEDICAMENTOSA | Tylosin phosphate | 20 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers u għewietaq ta' sostituzzjoni |
| Spanja | Elanco Valquímica, S.A.<br>Avda. de la Industria, nº 30<br>Polígono Industrial de Alcobendas<br>28108 Alcobendas (Madrid)<br>Spanja | TRELACON G 100 G/KG PREMEZCLA MEDICAMENTOSA | Tylosin phosphate | 100 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, brojlers u għewietaq ta' sostituzzjoni |
| Spanja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | PHARMASIN 1G/G GRANULADO PARA ADMINISTRACIÓN EN AGUA DE BEBIDA | Tylosin tartarate | 1 g/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, għoġġiela, tiġieġ, dundjani |
| Spanja | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | PHARMASIN 20 MG/G GRANULADO ORAL PARA PORCINO | Tylosin phosphate | 20 mg/g | Granuli għal soluzzjoni orali | Ħnieżer |
| Spanja | Elanco Valquímica, S.A.<br>Avda. de la Industria, nº 30<br>Polígono Industrial de Alcobendas<br>28108 Alcobendas (Madrid)<br>Spanja | TAILAN | Tylosin | 1 g/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tjur (brojlers, għewietaq, tiġieġ li jbidu u dundjani), majjali (għoġġiela pre-ruminanti). |
| Spanja | S.P. VETERINARIA, S.A.<br>Ctra. Reus-Vinyols, km.4,1.<br>Riudoms (Tarragona)<br>Spanja | ORATIL - 100 | Tylosin tartarate | 1 g/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tiġieġ, dundjani, għoġġiela |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Spanja | INDUSTRIAL VETERINARIA, S.A.<br>Esmeralda 19.<br>08950 Esplugues de Llobregat (Barcelona)<br>Spanja | TILOSINA 100 GANADEXIL | Tylosin tartarate | 1 g/g | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer, tiġieġ, dundjani |
| Spanja | MEVET, S. A.U.<br>Polígono Industrial El Segre parcela 409-410.<br>25191 Lérida<br>Spanja | TILOVALL PREMEZCLA | Tylosin phosphate | 20 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, tjur u annimali tal-ifrat |
| Spanja | LABORATORIOS CALIER, S.A.<br>BARCELONÉS, 26.<br>08520 Les Franqueses del Valles (Barcelona)<br>Spanja | GANAMIX TILOSINA 10% PREMEZCLA | Tylosin phosphate | 10 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, tjur u annimali tal-ifrat |
| Spanja | LABORATORIOS HIPRA, S.A.<br>Avda. La Selva, 135.<br>17170 Amer (Girona)<br>Spanja | HIPRAMIX-TIL | Tylosin phosphate | 20 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, tjur u annimali tal-ifrat |
| Spanja | ANDRES PINTALUBA, S.A.<br>Pol. Industrial Agro-Reus<br>c/ Prudenci Bertrana 5.<br>43206 Reus (Tarragona)<br>Spanja | APSAMIX TILOSINA 10% | Tylosin phosphate | 10 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer, tjur u annimali tal-ifrat |
| Spanja | MEVET, S. A.U.<br>Polígono Industrial El Segre parcela 409-410.<br>25191 Lérida<br>Spanja | TILOVALL POLVO | Tylosin tartarate | 1 g/g | Trab għal soluzzjoni orali | Porċini, tiġieġ, għoġġiela |
| Spanja | SUPER´S DIANA, S.L.<br>Ctra. C-17, km 17.<br>08150 Parets del Valles (Barcelona)<br>Spanja | TILOSAN | Tylosin phosphate | 20 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-Isvezja | Elanco Animal Health A/S<br>Eli Lilly Danmark A/S<br>Lyskaer 3E, 2 tv.<br>2730 HERLEV<br>Id-Danimarka | Tylan vet. | Tylosin | 0.83 | Trab għal soluzzjoni orali | Ħnieżer u għasafar domestiċi |
| L-Isvezja | Elanco Animal Health A/S<br>Eli Lilly Danmark A/S<br>Lyskaer 3E, 2 tv.<br>2730 HERLEV<br>Id-Danimarka | Tylan vet. | Tylosin | 0.02 | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |
| L-Isvezja | Elanco Animal Health A/S<br>Eli Lilly Danmark A/S<br>Lyskaer 3E, 2 tv.<br>2730 HERLEV<br>Id-Danimarka | Tylan vet. | Tylosin | 0.1 | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |
| Ir-Renju Unit | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 100 mg/g Premix for Medicated Feeding Stuff for Pigs, Broilers and Pullets | Tylosin | 100 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer<br>Tjur |
| Ir-Renju Unit | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 100% w/w Granules for Use in Drinking Water for Pigs, Chickens, Turkeys and Calves | Tylosin | 100% w/w | Granuli għal soluzzjoni orali | Annimali tal-ifrat<br>Tiġieġ<br>Ħnieżer<br>Dundjani |
| Ir-Renju Unit | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 20 mg/g Oral Granules for Pigs | Tylosin | 20 mg/mg | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |
| Ir-Renju Unit | Huvepharma NV<br>Uitbreidingstraat 80<br>2600 Antwerp<br>Il-Belġju | Pharmasin 250 mg/g Premix for Medicated Feeding Stuff for Pigs, Broilers and Pullets | Tylosin | 250 mg/g | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer<br>Tjur |

| **Stat Membru tal-UE/ŻEE** | **Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq** | **Isem tal-prodott mediċinali** | **INN** | **Qawwa** | **Għamla farmaċewtika** | **Speċi ta' annimal** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ir-Renju Unit | Eli Lilly & Company Ltd<br>Elanco Animal Health<br>Lilly House<br>Priestley Road<br>Basingstoke, RG24 9NL<br>Ir-Renju Unit | Tylan G20 Premix for Medicated Feedingstuff | Tylosin | 2.00 % w/w | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |
| Ir-Renju Unit | Eli Lilly & Company Ltd<br>Lilly House<br>Priestley Road<br>Basingstoke, RG24 9NL<br>Ir-Renju Unit | Tylan G250 Premix for Medicated Feedingstuff | Tylosin | 25 % w/w | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Tiġieġ<br>Ħnieżer |
| Ir-Renju Unit | Eli Lilly & Company Ltd<br>Lilly House<br>Priestley Road<br>Basingstoke, RG24 9NL<br>Ir-Renju Unit | Tylan G50 Premix for Medicated Feedingstuff | Tylosin | 5.00 % w/w | Soluzzjoni mħallta għal-lest għal ikel medikat | Ħnieżer |
| Ir-Renju Unit | Eli Lilly & Company Ltd<br>Lilly House<br>Priestley Road<br>Basingstoke, RG24 9NL<br>Ir-Renju Unit | Tylan Soluble Powder for Oral Solution | Tylosin | 10 % w/w | Trab għal soluzzjoni orali | Annimali tal-ifrat<br>Tiġieġ<br>Ħnieżer<br>Dundjani |

# Anness II

# Konklużjonijiet xjentifiċi u raġunijiet għall-emenda tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljett ta' tagħrif

# Sommarju ġenerali tal-evalwazzjoni xjentifika ta' prodotti mediċinali veterinarji li fihom tylosin li għandhom jingħataw fil-ħalq mal-ikel jew l-ilma tax-xorb lill-ħnieżer (*ara Anness I*)

## 1. Introduzzjoni

Tylosin huwa antibijotiku makrolidu li huwa prodott minn *Streptomyces fradiae*. Huwa prinċipalment attiv kontra l-batterji pożittivi għal Gram u l-mikoplażmi. Huwa ineffikaċi kontra *Enterobacteriaceae*. Tylosin u l-imluħa tal-fosfat u t-tartrate tiegħu jintużaw fi speċijiet li jipproduċu l-ikel għall-kura ta' kondizzjonijiet ikkawżati minn organiżmi sensittivi. Jista' jingħata fil-ħalq jew rotot paternali. Tylosin ma jintużax bħala mediċina għall-bnedmin.

Fid-dokument ta' riflessjoni tas-CVMP dwar l-użu tal-makrolidi, il-linkosamidi u l-istreptogramini (MLS) fl-annimali li jipproduċu l-ikel fl-Unjoni Ewropea: l-iżvilupp ta' reżistenza u l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u l-annimali, (EMA/CVMP/SAGAM/741087/2009)[1], ir-rakkomandazzjonijiet tas-CVMP dwar il-makrolidi jiddikjarw li '*jaf ikun hemm ħtieġa li jiġu riveduti ċerti SPCs biex jitnaqqas il-perjodu ta' kura approvat f'każijiet fejn jinstab li huwa twil bla bżonn b'rabta mas-severità tal-marda'*. Barra minn hekk, dejta riċenti turi li r-reżistenza *in vitro* kontra l-makrolidi għal iżolati mill-Unjoni Ewropea ta' *Brachyspira hyodysenteriae* ((l-aġent kawżanti ta' diżenterija tal-majjali) hija għolja ħafna u tylosin jaf ma jkunx aktar effikaċi kontra dan il-patoġenu.

Għalhekk, fit-30 ta' Ottubru 2013, l-Isvezja ppreżentat lill-Aġenzija, riferiment skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2001/82/KE għal prodotti mediċinali veterinarji li fihom tylosin li għandu jingħata fil-ħalq mal-għalf jew l-ilma tax-xorb lill-ħnieżer. Is-CVMP intalab biex jikkonkludi dwar jekk il-perjodu tal-kura bi prodotti mediċinali veterinarji li fihom tylosin għal aktar minn tliet ġimgħat huwiex ġustifikat u jekk dawn il-prodotti għadhomx effikaċi kontra diżenterija tal-majjali kkawżata minn *B. hyodysenteriae*.

## 2. Diskussjoni

### 2.1.1. Perjodi ta' kura li jaqbżu t-tliet ġimgħat

Fir-rigward tal-marda respiratorja fil-ħnieżer, il-formulazzjonijiet imħallta għal-lest ta' tylosin fil-preżent jintużaw ħafna għall-kura permezz ta' doża ogħla għal-ewwel ġimagħtejn sa tliet ġimgħat ta' kura segwiti minn doża aktar baxxa (ġeneralment 40% tad-doża inizjali) għal perjodu estiż ta' żmien, ħafna drabi ddikjarat bħala l-"perjodu ta' riskju sħiħ". Hija rrakkomandata strateġija ta' kura simili għall-formulazzjoni mħallta għal-lest ta' tylosin għall-kura ta' diżinterija tal-majjali fejn huwa msemmi li l-kura tista' titkompla "sal-aħħar tar-riskju", "sakemm ikun meħtieġ" jew "sal-qatla". B'kuntrast, il-formulazzjonijiet imħallta għal-lest awtorizzati għall-kura u l-prevenzjoni ta' ileite (ikkawżata minn *Lawsonia intracellularis*) ħafna drabi jirrakkomandaw kura għal mhux aktar minn tliet ġimgħat. B'mod simili, fir-rigward tal-granuli ta' tylosin u t-trab li għandhom l-għan li jitħalltu fl-ilma tax-xorb għall-ħnieżer, il-perjodu ta' kura rrakkomandat huwa biss f'każijiet eċċezzjonali biss estiż għal aktar minn 3 ġimgħat irrispettivament mill-indikazzjoni.

Huwa rikonuxxut li diversi formulazzjonijiet ta' tylosin orali għall-ħnieżer li huma disponibbli bħalissa fis-suq tal-UE ilhom awtorizzati għal diversi snin, skont l-istandards ta' ġustifikazzjoni tal-pożoloġija meqjusa aċċettabbli f'dak iż-żmien u fil-kuntest ta' dak li kienu jitqiesu strateġiji aċċettabbli għall-għoti

[1] Id-dokument ta' riflessjoni tas-CVMP dwar l-użu tal-makrolidi, linkosamidi u l-istreptogramini (MLS) fl-annimali li jipproduċu l-ikel fl-Unjoni Ewropea: l-iżvilupp ta' reżistenza u l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u l-annimali, (EMA/CVMP/SAGAM/741087/2009) http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Scientific_guideline/2011/11/WC500118230.pdf

ta’ antimikrobiċi. Għalhekk, wieħed ma jistax jistenna li d-dejta konkordanti mar-rekwiżiti attwali tista’ titqiegħed għad-dispożizzjoni, li tipprovdi appoġġ konvinċenti għal strateġiji speċifiċi ta’ dożaġġ għall-indikazzjonijiet li bħalissa huma aċċettati għal formulazzjonijiet ta’ tylosin orali għall-ħnieżer.

**Diskussjoni**

L-għarfien dwar ir-riskji ta’ reżistenza antimikrobika żdiedu maż-żmien, u hemm ukoll żieda fil-fokus biex tiġi akkomodata l-istrateġija ta’ dożaġġ għal mira doppja ta’ għoti ta’ antimikrobiċi sakemm tkun meħtieġ biex jinkiseb effett tal-kura suffiċjenti, iżda biex tiġi evitata espożizzjoni mhux meħtieġa li tinkorraġixxi l-iżvilupp ta’ reżistenza. L-aċċettazzjoni ġenerali tal-fatt li l-kura antimikrobika jeħtieġ li dejjem tiġi kkombinata ma’ miżuri ta’ ġestjoni u sanitarji xierqa fuq il-farm, biex jiġi evitat it-tifrix ulterjuri ta’ kwalunkwe mikrobu partikolari u b’hekk jitnaqqas ir-riskju għal każijiet kliniċi ġodda, jagħmilha diffiċli li tiġi difiża l-ħtieġa għal perjodi ta’ kura twal ħafna. Ir-riskju potenzjali għal żvilupp ta’ reżistenza huwa evidenza fis-sitwazzjoni ta’ reżistenza attwali ta’ *B. hyodysenteriae*. Biex tylosin orali jinżamm bħala kura effikaċi għall-indikazzjonijiet oħra awtorizzati attwalment għall-ħnieżer, għandha tiġi evitata espożizzjoni bla bżonn.

Peress, kif iddikjarat fid-dokument ta’ riflessjoni tas-CVMP imsemmi hawn fuq dwar l-użu ta’ makrolidi, linkosamidi u streptogramini (MLS) fl-annimali li jipproduċu l-ikel fl-Unjoni Ewropea: l-iżvilupp ta’ reżistenza u l-impatt fuq is-saħħa tal-bniedem u l-annimali, (EMA/CVMP/SAGAM/741087/2009), din il-klassi ta’ sustanzi hija importanti ħafna għall-mediċina veterinarja u għall-użu mill-bniedem, u, barra minn hekk, li l-iżvilupp ta’ reżistenza huwa rrapportat għal patoġeni veterinarji kif ukoll patoġeni żoonotiċi bħal *Campylobacter* spp, kura estiża ta’ ħnieżer lil hinn dak li jista’ jitqies medikalment motivat għandha tiġi evitata. Għal raġunijiet simili, rakkomandazzjonijiet biex titnaqqas id-doża inizjali għal perjodu ta’ kura estiż mhumiex aċċettabbli.

Kif imsemmi qabel, il-biċċa l-kbira tal-prodotti ta’ tylosin orali kienu awtorizzati fl-Istati Membri tal-UE ħafna żmien ilu skont ir-rekwiżiti ta’ awtorizzazzjoni tas-suq f’dak iż-żmien. Possibbilment inparti minħabba dan, fil-preżent minħabba l-istess indikazzjoni u l-istess formulazzjoni orali, hemm varjazzjoni sinifikanti bejn il-prodotti fir-rigward tal-perjodu ta’ kura rrakkomandat għall-ħnieżer. F’din is-sitwazzjoni mhuwiex mistenni li jistgħu jinkisbu ġustifikazzjonijiet xjentifikament immotivati sew għall-perjodi ta’ kura mid-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għal indikazzjonijiet differenti għall-ħnieżer. Madankollu, huwa rikonoxxut li, irrispettivament mill-indikazzjoni, għall-formualazzjonijiet ta’ tylosin orali awtorizzati għall-ħnieżer fil-preżent, il-perjodu massimu ta’ kura rrakkomandat huwa tliet ġimgħat, u jindika li dan f’ħafna każijiet ġie konklużi li huwa perjodu ta’ kura suffiċjenti.

Għalhekk, biex jiġi ddikjarat li l-għoti ta’ tylosin orali għall-ħnieżer ma għandux jaqbeż it-tliet ġimgħat huwa probabbli li jassigura effikaċja suffiċjenti tal-kura għal indikazzjonijiet awtorizzati fil-preżent fil-ħnieżer u din il-miżura tissodisfa wkoll ir-rekwiżit biex tiġi evitata espożizzjoni mhux meħtieġa u għalhekk jitnaqqas ir-riskju għal żvilupp ta’ reżistenza. Għal prodotti fejn hija rrakkomandata kwalunkwe kura iqsar minn 3 ġimgħat, din għandha tinżamm fl-informazzjoni dwar il-prodott.

## 2.1.2. Indikazzjoni għall-kura ta’ diżenterija tal-majjali kkawżata minn *Brachyspira hyodysenteriae*

Tylosin orali kellu użu mifrux fit-trobbija tal-ħnieżer f’diversi Stati Membri tal-UE għal deċennji biex jiġi evitat u kkurat mard u qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, bħala promotur tat-tkabbir. L-użu eċċessiv maż-żmien jista’ jispjega l-proporzjon għoli ta’ reżistenza fir-razez *B. hyodysenteriae*, il-kawża ta’ diżenterija tal-majjali, rrapportata minn bosta pajjiżi Ewropej illum. Id-dokument ta’ riflessjoni tas-CVMP dwar l-użu tal-makrolidi, linkosamidi u streptogramini (MLS) fl-annimali li jipproduċu l-ikel fl-Unjoni Ewropea: l-iżvilupp ta’ reżistenza u l-impatt fuq is-saħħa tal-

bniedem u l-annimali, (EMA/CVMP/SAGAM/741087/2009), isemmi b'appoġġ mid-dejta minn FINRES-Vet (1999)[2], SVARM (2002-2009)[3], Vyt and Hommez (2006)[4], MARAN (2008)[5] and Hidalgo *et al.* (2009)[6], li 90-100% tal-iżolati ta' *Brachyspira* juru reżistenza *in vitro*. Fi studju tas-suxxettibbiltà antimikrobika ta' *B. hyodysenteriae* iżolat minn 21 farm Pollakka, kien konkluż li l-attività antimikrobika l-aktar baxxa ntweriet għal tylosin u lincomycin, bl-inibizzjoni tat-tkabbir tal-batterja permezz ta' konċentrazzjonijiet>128 µg/ml u 32 µg/ml, rispettivament (Zmudzki *et al.* (2012))[7]. Rapport riċenti minn Spanja (Alvarez *et al.* (2013))[8] jikkonferma din is-sitwazzjoni billi jirrapporta reżistenza *in vitro* ta' 100% fost 78 iżolati minn ħnieżer b'dijarea. B'mod simili, ġiet irrapportata reżistenza *in vitro* kważi kompluta fost 32 iżolat ta' *Brachyspira* mir-Repubblika Ċeka (Sperling *et al.* (2011))[9]. Għalkemm, ġiet innotata rata ta' reżistenza kemxejn baxxa fir-razez Svediżi miġbura matul l-1990-2010, aktar minn 75% tal-iżolati juru konċentrazzjoni inibitorja minimu (MIC) ferm ogħla mill-valur cut-off epidemjoloġiku propost ta' >16 µg/ml (Pringle *et al.* (2012))[10]. F'konformità ma' dawn l-osservazzjonijiet, matul is-[sitt] konferenza internazzjonali dwar l-infezzjonijiet colonic spirochaetal fl-annimali u l-bnedmin fir-Renju Unit f'Settembru 2013, intqal f'nota ewlenija li: "*tylosin sar totalment ineffikaċi permezz tal-użu mifrux għall-medikazzjoni mal-ikel matul is-snin*" (Thomson (2013))[11].

Il-kawża għar-rata ta' reżistenza għolja tista' tinstab fil-mekkaniżmi li jirregolaw l-iżvilupp ta' reżistenza trasferibbli mhux orizzontali. Ir-reżistenza hija kkawżata minn mutazzjonijiet f'punti ta' 23S rDNA. Peress li għal *B. hyodysenteriae* l-operon rRNA jeżisti f'kopja waħda, mutazzjoni b'bażi waħda hija biżżejjed biex tilħaq kloni reżistenti għall-makrolidi (Zuerner and Stanton (1994)[12], Karlsson *et al.* 1999).[13]).

**Diskussjoni**

Ir-rapporti xjentifiċi dwar is-sitwazzjoni tar-reżistenza għal *B. hyodysenteriae* jipprovdu stampa mhux inkoraġġanti, fejn ir-reżistenza ta' tylosin illum hija kważi sħiħa f'diversi żoni tal-Unjoni Ewropea. Għalkemm is-sitwazzjoni tar-reżistenza ma ġietx investigata f'kull pajjiż fejn tylosin jintuża kontra diżenterija tal-majjali, l-għarfien li r-reżistenza ta' tylosin tiżviluppa malajr u l-massa ta' dejta *in vitro* li tkopri diversi iżolati tal-qasam minn oqsma differenti tipprovdi biżżejjed informazzjoni biex jiġi konkluż li ma jistax ikun mistenni li r-rata tal-effikaċja hija suffiċjenti biżżejjed biex issir indikazzjoni għall-kura u l-prevenzjoni ta' din il-marda. Fid-dawl tal-fatt li r-rata ta' reżistenza għolja ħafna mhijiex meqjusa miżura biżżejjed biex tinkludi dikjarazzjonijiet ta' twissija jew prekawzjoni li jindikaw li kura ta' diżenterija tal-majjali b'tylosin għandha dejjem tkun ibbażata fuq l-ittestjar tas-suxxettibbiltà. Ir-riskju marbut mad-dewmien tal-bidu tal-kura miż-żmien meħtieġa għall-ittestjar tas-suxxettibbiltà mhuwiex

---

[2] FINRES-Vet 1999. Finnish veterinary antimicrobial resistance monitoring and consumption of antimicrobial agents in 1999 (Finnish Ministry of Agriculture and Forestry).
[3] SVARM 2002-2009. Swedish Veterinary Antimicrobial Resistance Monitoring (Uppsala, Sweden, The National Veterinary Institute (SVA)).
[4] Vyt, P., Hommez, J., 2006, Antimicrobial susceptibility of *Brachyspira hyodysenteriae* isolates compared with the clinical effect of treatment. Flem. Vet. J. 75, 279-285.
[5] MARAN 2008. Monitoring of antimicrobial resistance and antimicrobial usage in the Netherlands in 2008.
[6] Hidalgo, A., Carvajal, A., Garcia-Feliz, C., Osorio, J., Rubio, P., 2009, Antimicrobial susceptibility testing of Spanish field isolates of *Brachyspira hyodysenteriae*. Res Vet Sci 87, 7-12.
[7] Zmudzki, J., Szczotka, A., Nowak, A., Strzelecka, H., Grzesiak, A., Pejsak, Z., 2012. Antimicrobial susceptibility of *Brachyspira hyodysenteriae* isolated from 21 Polish farms. Pol J Vet Sci 15, No. 2, 259-265
[8] Alvarez LF, Martinez-Lobo J, Aller L M, Naharro G, Carvajal A, Rubio P. 2013. Antimicrobial susceptibility of 78 isolates of *Brachyspira hyodysenteriae* recovered from swine dysentery outbreaks in Spain during 2011 & 2012. Proceeding, Spirochaete Conference, 5-6 September 2013, UK. P 82.
[9] Sperling D, Smola J and Cizek A. 2011. Characterisation of multiresistant *Brachyspira hyodysenteriae* isolates from Czech pig farms. Vet Rec, 168
[10] Pringle, M., Landén, A., Ericsson Unnerstad, H., Molander, B. and Bengtsson N., 2012, Antimicrobial susceptibility of porcine *Brachyspira hyodysenteriae* and *Brachyspira pilosicoli* isolated in Sweden between 1990 and 2010- Acta Vet Scand, 54, 2-6.
[11] Thomson J. 2013. Sensitivity and resistance of *Brachyspira* species and consequences for global swine/poultry production. Proceeding, Spirochaete Conference, 5-6 September 2013, UK. P 47
[12] Zuerner RL, Stanton TB., 1994, Physical and genetic map of the *Serpulina hyodysenteriae* B78T chromosome. J Bacteriol. 176(4):1087–1092.
[13] Karlsson, M., Fellström, C., Heldtander, M. U., Johansson, K. E., Franklin, A., 1999. Genetic basis of macrolide and lincosamide resistance in *Brachyspira (Serpulina) hyodysenteriae*. FEMS Microbiol Lett 172, 255–260.

meqjus li jaqbeż il-benefiċċju relatat mal-possibbiltà għal użu b'suċċess fi ftit każijiet. Huwa rikkonuxxut li għal ċerti azjendi fejn is-suxxettibbiltà ta'*B. hyodysenteriae* għal tylosin għadha evidenti, tneħħija ta' din l-indikazzjoni tillimita d-disponibbiltà tal-għażliet ta' kura. Madankollu, huma disponibbli alternattivi effikaċi (eż. plewromutilini) u, peress li hemm ftit tifqigħat suxxettibbli, ir-riskju għal kura inadegwata jitqies li jisboq l-benefiċċju possibbli ta' għażla ta' kura addizzjonali fil-każ improbabbli ta' suxxettibbiltà kkonfermata.

# 3. Valutazzjoni tal-benefiċċju/riskju

### Valuazzjoni tal-benefiċċju

Dawn il-prodotti huma effikaċi għall-kura ta' diversi mard bħal mard respiratorji u ileite/adenopatija intestinali tal-majjali (ikkawżata minn *Lawsonia intracellularis*).

### Valutazzjoni tar-riskju

Espożizzjoni estiża ta' tylosin għall-ħnieżer hija relatata mar-riskju għall-iżvilupp ta' reżistenza antimikrobika. Peress li l-makrolidi huma antimikrobiċi importanti ħafna għall-ħnieżer, l-espożizzjoni bla bżonn li twassal għal reżistenza ulterjuri fil-patoġeni tal-annimali fil-mira tkun riskju serju għas-saħħa tal-annimali. Barra minn hekk, espożizzjoni fit-tul għal dożi baxxi ta' tylosin hija assoċjata ma' żieda fin-numru ta' *Campylobacter coli* u medikazzjoni tal-grupp reżistenti b'antibjotiċi hija fattur ta' *Staphylococcus aureus* (MRSA) reżistenti għal methicillin (MRSA) fil-ħnieżer.

### Ġestjoni tar-riskju jew miżuri ta' mitigazzjoni

Biex tiġi limitata l-pressjoni ta' għażla għall-batterji, l-użu mhux meħtieġ għandu jiġi evitat. Il-limitazzjoni tal-għoti ta' tylosin orali lill-ħnieżer għal massimu ta' tliet ġimgħat tnaqqas ir-riskju għall-għażla ta' reżistenza mingħajr ma tnaqqas l-użu effikaċji ta' dawn il-prodotti kontra indikazzjonijiet awtorizzati u ġustifikabbli attwali.

### Evalwazzjoni u konklużjoni fuq il-bilanċ tal-benefiċċju u r-riskju

Tylosin orali jitqies bħala mediċina effikaċji kontra diversi mard fil-ħnieżer. Madankollu, minħabba l-iżvilupp ta' reżistenza matul l-aħħar deċennji, tyloson illum mhuwiex meqjus bħala li jipprovdi biżżejjed effikaċja kontra diżenterija tal-majjali (*B. hyodysenteriae*), u s-sustanza għalhekk ma għandhiex tintuża għal din il-marda. Perjodi ta' kura estiżi u ddefiniti b'mod vag jippreżentaw riskju mill-perspettiva tar-reżistenza u ma jkunux ġustifikabbli minn perspettiva xjentifika li titqies l-epidemjoloġija tal-marda kif ukoll l-għarfien attwali dwar il-ħtieġa li dejjem jikkombinaw użu ta' antibijotiċi ma' miżuri sanitarji xierqa.

Sakemm id-diżenterija tal-majjali hija eskluża mill-indikazzjonijiet tal-formulazzjonijiet ta' tylosin orali għall-ħnieżer u l-kura massima hija ristretta għal tliet ġimgħat, il-bilanċ tal-benefiċċju/riskju ta' dawn il-prodotti jista' jitkompla jitqies bħala pożittiv.

# Raġunijiet għall-emenda tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljetti ta' tagħrif

Billi:

- il-biċċa l-kbira tal-formulazzjonijiet ta' tylosin orali huma awtorizzati b'rakkomandazzjonijiet biex jikkuraw sa tliet ġimgħat, is-CVMP ikkonkluda li dan il-perjodu massimu ta' kura jipprovdi biżżejjed effikaċja. Meta wieħed iqis l-aspetti ta' effikaċja kif ukoll ir-riskju ta' tfaċċar ta' reżistenza, perjodu ta' kura massimu ta' tliet ġimgħat li japplika l-istess livell ta' doża matul il-perjodu ta' kura kollu jitqies xieraq irrispettivament mill-marda;

- skont dejta dwar is-suxxettibbiltà ppubblikata dan l-aħħar, tylosin mhux sejjer ikun effikaċi biżżejjed kontra *B. hyodysenteriae* u għalhekk is-CVMP ikkonkluda li l-indikazzjoni fid-diżenterija tal-majjali ma tistax tinżamm aktar;
- is-CVMP ikkunsidra li l-bilanċ ġenerali tal-benefiċċju-riskju huwa pożittiv għall-prodotti mediċinali veterinarji li fihom tylosin li għandhom jingħataw fil-ħalq mal-ikel jew l-ilma tax-xorb lill-ħnieżer soġġett għal emendi fl-informazzjoni dwar il-prodott;

is-CVMP irrakkomanda varjazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-prodotti mediċinali veterinarji li fihom tylosin li għandhom jingħataw fil-ħalq jew mal-ikel jew l-ilma tax-xorb lill-ħnieżer (ara Anness I) sabiex jiġu emendati s-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljetti ta' tagħrif f'konformità mal-bidliet rakkomandati fl-informazzjoni dwar il-prodott kif stabbilit fl-Anness III.

# Anness III

# Emendi fis-sezzjonijiet rilevanti tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u fuljetti ta' tagħrif

# Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Ħassar, fejn applikabbli, l-indikazzjoni għall-kura ta’ ‘Diżenterija tal-majjali kkawżata minn *Brachyspira hyodysenteriae’.*

F’każ li l-indikazzjoni(jiet) għal prodott partikolari ma jispeċifikawx diżenterija tal-majjali, iżda ma jeskludux tali użu, għandha tiżdied referenza inkroċjata għal sezzjoni 4.5: *Għal informazzjoni dwar id-diżenterija tal-majjali ara sezzjoni 4.5.*

### 4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali
F’każ li l-indikazzjoni(jiet) għal prodott partikolari ma jispeċifikaw diżenterija tal-majjali, iżda ma jeskludux tali użu, is-sentenza li ġejja għandha tiżdied mas-sezzjoni 4.5: *Ġiet osservata rata għolja ta’ reżistenza in vitro fir-razez Ewropej ta’ Brachyspira hyodysenteriae, u dan jimplika li l-prodott mhux sejjer ikun effikaċi biżżejjed kontra d-diżenterija tal-majjali.*

### 4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta’ amministrazzjoni

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni ta’ dożaġġ speċifika għal diżenterija tal-majjali kkawżata minn *Brachyspira hyodysenteriae.*

Ibdel, fejn ikun applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet ta’ kura li huma estiżi għal aktar minn 3 ġimgħat, jew tingħata r-rakkomandazzjoni tal-perjodu ta’ kura, bid-dikjarazzjoni li ġejja: *Il-kura ma għandhiex taqbez it-3 ġimgħat.*

Rakkomandazzjonijiet ta’ kura speċifiċi iqsar minn 3 ġimgħat għandhom jinżammu.

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni biex titnaqqas id-doża wara perjodu ta’ kura inizjali b’doża ogħla.

### 5.1 Proprjetajiet farmakodinamiċi

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe referenza għal diżenterija tal-majjali kkawżata minn *Brachyspira hyodysenteriae.*

# Tikkettar:

| 6. INDIKAZZJONI(JIET) |
|---|

Ħassar, fejn applikabbli, l-indikazzjoni diżenterija tal-majjali kkawżata minn *Brachyspira hyodysenteriae’.*

# Fuljett ta’ tagħrif

### 4. INDIKAZZJONI(JIET)

Ħassar, fejn applikabbli, l-indikazzjoni għall-kura ta’ ‘Diżenterija tal-majjali kkawżata minn *Brachyspira hyodysenteriae’.*

F'każ li l-indikazzjoni(jiet) għal prodott partikolari ma jispeċifikaw diżenterija tal-majjali, iżda ma jeskludux tali użu, għandha tiżdied referenza inkroċjata għal sezzjoni 12: *Għal informazzjoni dwar id-diżenterija tal-majjali ara sezzjoni 12.*

## 8 DOŻA GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' AMMINISTRAZZJONI

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni ta' dożaġġ speċifika għal diżenterija tal-majjali kkawżata minn *Brachyspira hyodysenteriae.*

Ibdel, fejn ikun applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet ta' kura li huma estiżi għal aktar minn 3 ġimgħat, jew tingħata r-rakkomandazzjoni tal-perjodu ta' kura, bid-dikjarazzjoni li ġejja: *Il-kura ma għandhiex taqbez it-3 ġimgħat.*

Rakkomandazzjonijiet ta' kura speċifiċi iqsar minn 3 ġimgħat għandhom jinżammu.

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni biex titnaqqas id-doża wara perjodu ta' kura inizjali b'doża ogħla.

## 12. TWISSIJIET SPEĊJALI

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali
F'każ li l-indikazzjoni(jiet) għal prodott partikolari ma jispeċifikaw diżenterija tal-majjali, iżda ma jeskludux tali użu, is-sentenza li ġejja għandha tiżdied mas-sezzjoni 12: *Ġiet osservata rata għolja ta' reżistenza in vitro fir-razez Ewropej ta' Brachyspira hyodysenteriae, u dan jimplika li l-prodott mhux sejjer ikun effikaċi biżżejjed kontra d-diżenterija tal-majjali.*